# L-Għar ta' Mikelin



***Dehra tax-Xatt, ħdejn l-Għar ta' Mikelin, qabel ma saret it-triq li tgħaqqad ix-Xatt mal-Ponta.***

Dehra ta' l-Għar ta' Mikelin kif konna nafuha u kif kienet tidher qabel il-Gwerra (1939–1945), bejn ix-Xatt u l-Ponta ta' l-Isla, fejn kellhom il-kamra, miżbugħa strixxi ħomor u sofor – għall-ilwien tal-Bażilka tagħna – is-*Senglea Sports Club*. U kemm memorji, jaħasra, kemm tifkiriet jgħadduli minn quddiem moħħi, meta nħares lejn dan ir-ritratt!

Dawk il-galleriji kienu kollha ta' nies Ingliżi, li kienu joqogħdu fis-*Saint Paul's Buildings*, ta' Pupul Refalo, li kellu l-*Manchester Bar*, ix-Xatt, ħdejn l-R.A.O.B. Dawn kienu jkunu uffiċjali tat-Tarzna Navali, ġeneralment, *chargemen*, *inspectors* u xi *foreman*, li kollha kienu jinżlu jgħumu hemm isfel, u bosta minnhom għallimnihom jgħumu aħna, u minnhom ħarġu anke *players* tal-waterpolo ta' klassi kif naraw ma ndumux.

Fin-nofs tar-ritratt, isfel, tidher il-kamra, li semmejna, li fiha kienu, jew konna ninżgħu u nilbsu għall-għawm. Fuq ix-xellug tal-kamra, kif tħares lejn ir-ritratt, kien hemm imħaffra biċċa fil-blat fejn kien jinżamm il-ballun tal-water polo, imsakkar b'katnazz, li ċ-ċavetta tiegħu konna nġibu mill-*club* li kien fi Triq San Ġużepp, kantuniera ma' Triq Bieb ix-Xatt (għalina dak iż-żmien Strada Porta Marina).

U hemm, fil-baħar taħt dik il-biċċa blata, niftakar il-*players* tal-Isla, jittrenjaw, igħumu, jiċċajtaw, bħal Dwardu Pisani u ħuh Rogantino, li barra milli kien *goalkeeper* tajjeb ferm fil-water polo, kien player tal-futbol ta' fama li lagħab mal-Floriana, Sliema, St. George's u anke ma' Malta. Għal-Logħob Olimpiku ta' 1935 fil-Ġermanja, kien għażla awtomatika għal *goalkeeper* tat-*team* nazzjonali Malti, iżda kienu ġiebu skuża li billi kien jilgħab il-futbol ma' *teams* ta' l-Ewwel Diviżjoni, allura kien meqjus bħala *professional* ... u tellfuh dak l-unur.

Niftakar lil Karmenu Antoncich, Watty Gatt, Turu Buttigieg, fost oħrajn, lil Gejtu u Ġużi Martinelli, u tnejn Ingliżi, 'Ginger' Wilson, u Jeffrey Dore, li kienu ta' ċerta klassi. Niftakar lil Piju Grech, li meta kien ikollna xi logħba tal-*league* tal-*water polo*, kien jarma l-*pitch* taħt it-

trinċieri – fejn hemm il-*ground* tat-*training* tal-futbol illum. Kien jagħmel ġurnata xemx, jirranġa ċ-ċimi biex jagħlaq il-Kwadrat tal-*pitch*, u jimmażżra l-lasti. Imbagħad filgħaxija kienu jiġu t-*teams* jew tas-Sliema, San Ġiljan jew in-Neptunes jilagħbu, bil-partitarji fuq xi vapurett.

Għax l-għar ta' Mikelin ma kienx jista' jżomm wisq spettaturi, kif taraw mir-ritratt. Biex konna mmorru fil-*pitch* konna niġu minn ħdejn ir-rixtellu ta' villa Davies bid-dgħajsa, kien iwassalna s-Sonu, jew inkella xi wħud aktar fortunati, konna – l-ewwel wieħed jien – ninżlu minn fuq, minn Strada Sirena, minn dak il-passaġġ dejjaq li fir-ritratt jidher li jagħti għal dak it-taraġ taħt l-aħħar gallerija. Iżda dan, li kellu bieb tal-ħadid fit-triq, ġieli sibnih magħluq, u kien ikollna mmorru bid-dgħajsa, allura, ninżlu mix-Xatt.

Is-Sonu, ukoll, l-Ingliżi kienu jsibuh komdu ħafna meta kienu jkunu jridu jmorru l-Belt, għax kienu jinżlu fuq il-'blata' kif konna nsibuh dak l-ilsien blat li fuqu kien hemm il-kamra, u flok joqogħdu jmorru x-Xatt għal-Lanċa tal-Pass, kienu jirkbu minn taħthom stess, u jaslu malajr u fejn iridu.

L-Ingliżi, ħdejn il-Maltin ta' dak iż-żmien, kienu ferm aktar 'komdi' finanzjarjament. Kellhom pagi u *allowances* tajbin, kellhom in-NAAFI li ġġibilhom kollox wara l-bieb, b'irħis, kollha bir-radjo, idoqq il-ħin kollu, immażżrat fuq il-BBC, fi żmien l-epoka tal-*Big Bands*, ta' Henry Hall, Edmundo Ros u l-*bella compagnia*. Nhar ta' Ħadd filgħodu kont taqsam qalbek hemm isfel bl-irwejjaħ ta' kejkijiet jinħmew, u l-famuża *Sunday Joint* tinħema fil-forn, elettriku jew tal-gass, tagħhom. Iżda kollha, tista' tgħid, kienu jħobbu lill-Maltin, u lilna li jaraw hemm isfel b'mod partikolari.

L-Għar, li issa min jgħaddi minn hemm jaf li hu magħluq, (dan l-aħħar ġie konvertit f'għar tal-Madonna ta' Lourdes) kien iwaħħxek tidħol fih, kellu ċertu *aura* ta' misteru, għalija talanqas. U dan l-għar kellu ħaġa partikolari: l-art kienet imrammla, u hemm ġew it-tranja tal-baħar kienet tkun tielgħa u nieżla kontinwament. U ġieli konna nsibu xi fliexken, li bl-irrumblar tal-kurrent kienu jillixxaw b'tali mod li jiġu qishom jieħdu forma oħra, u l-Ingliżi ġieli ħaduhom, u kif kien qalli wieħed minnhom, jagħmluhom bħala *paperweight* fuq l-iskrivaniji.

Ħaġa li bqajt niftakar kienet li fis-sajf, xi bastimenti, *cruisers*, jekk niftakar tajjeb, il-Ħadd filgħodu kienu jġibu l-*boy seamen* hemmhekk, aktar milli biex jitgħallmu jgħumu sewwa, milli biex jilagħbu l-*water polo*, u konna nilagħbu magħhom aħna li forsi ma tantx konna bravi, u players tat-tieni Diviżjoni, u ġieli kellna tliet logħbiet wara xulxin f'nofs ta' nhar.

U niftakar lil Karmenu Boldarini (li kien jilgħab ukoll mat-*team* tal-*first*) l-aħwa Farrugia, ħija Frankie, Joey Hall, Harry Restall, u oħrajn, li konna nkunu nistennewha din tal-Ħadd kontra l-Ingliżi.

Iżda tifkira, għalija speċjali, baqgħet għal dejjem imwaħħla ġewwa moħħi, speċjali, għalkemm li forsi għal ħaddieħor tidher ma fiha xejn. Niftakar saħansitra d-data eżatta. Kien il-15 ta' Lulju, lejlet il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Kien dawl ta' qamar, u jien u Johnny Pavia, ħabib tiegħi kbir, konna għamilna dawra mal-Port il-Kbir, fuq il-fregatina tagħhom.

Wasalna mal-moll tal-Għar, jien inżilt l-art u Johnny mar jorbot il-fregatina. Jien qgħadt bilqiegħda fuq il-blat, minn warajja ir-radjijiet tal-Ingliżi kienu jdoqqu kanzunetta ħelwa ħelwa, u tant adattata għax-xena, *I Saw The Harbour Lights*. Quddiemi fuq il-lemin fuq il-bejt tas-sorijiet Karmelitani, hemm fix-Xatt tal-Karmnu, kellhom il-fjakkoli iteptpu u jnemmnu ħelwin ħelwin; fuq ix-xellug, il-Belt il-beraq u l-ħsejjes tal-musketterija tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċelebrata l-għada, u fuq, il-qamar, tond tond, bir-rifless tal-fidda jasal sa taħti mal-moll minn fuq il-baħar qisu ħġieġ.

Iva, ma nistax ninsieh dak il-jum tas-sena 1938 – avolja għaddew 62 sena!

*Charles Clews*